**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Marzu 2021**

Rikors Numru: 288/20 AL

A sive A B

vs

C B

(M.R. numru 1949/1989)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Il-kontendenti żżewġu nhar l-14 ta' Ottubru, 1989 u dan kif inhu konfermat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

2. Minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ itfal, D li twieled nhar it-2 ta' Ġunju, 1992 u E li twieled nhar il-11 ta' Settembru, 1994; illum lkoll maġġorenni.

3. Il-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-2 t' Awwissu, 2007 fl-atti tan-Nutar Robert Micallef (hawn anness u mmarkat bħala Dok B)

4. M'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. L-esponenti m' għandu l-ebda obbligu ta' somministrazzjoni ta' manteniment fil-konfront tal-attriċi jew l-ulied.

6. In vista tal-fatti suesposti, il-kontendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien imħolli mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Settembru, 2020;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla tiddikjara li m'għandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Awwissu, 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.